**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia f'Seduta 379 tal-20 ta' April 2016 dwar eżenzjoni mill-qari ta' tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

**MR SPEAKER:** Ippermettili, Onor. Mizzi. L-Onor. David Agius *on a point of order*.

**ONOR. DAVID AGIUS:** Mr Speaker, kif taf għandna kopja tar-risposti u hawn numru ta' *pages* dwar fejn marru d-delegazzjonijiet u ż-żjarat eċċ. Jien naħseb li nista' ngħid lill-Ministru li dawn ir-risposti nistgħu neħduhom *taken as read* u min irid jara din il-lista jaraha għax se naħlu nofs siegħa fuqha. *Se mai* ngħaddu għal mistoqsijiet oħrajn u mhux naqraw dawn ir-risposti *never ending* ta' fejn marru ż-żjarat. Għall-inqas ikollna ċans nagħmlu domandi dwar dan, jekk taqbel in-naħa tal-Gvern.

**MR SPEAKER:** Onor. Agius, dejjem jekk taqbel. Jekk ma taqbilx inti taf daqsi li r-risposta trid tinqara.

**ONOR. DAVID AGIUS:** Qed nagħmel suġġeriment.

**MR SPEAKER:** Le, le, kollox sew. L-Onor. Mizzi. Ma nafx x'inhi l-pożizzjoni wara li kien hawn din l-osservazzjoni.

**ONOR. JOE MIZZI:** Peress li jien mhux il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u ovvjament qed nirrispondi f'ismu għax il-Ministru mhux qiegħed hawn, ma nistax niddeċiedi għalih. Allura ladarba l-mistoqsijiet qegħdin hawn, ikolli nagħmilhom. Taħsibx li jien nieħu pjaċir noqgħod naqra! (Interruzzjonijiet)

**MR SPEAKER:** Ħu paċenzja, m'hemmx argumenti. Onor. Mizzi, hu paċenzja.

**ONOR. JOE MIZZI:** L-ironija hija li kien hemm każi fejn il-mistoqsijiet – kien għadda ż-żmien ta – ipprovajt nagħmilhom *taken as read* u ma ġewx aċċettati. Jiġifieri ma noħolqux argument fuq dawn l-affarijiet.

**MR SPEAKER:** Onor. Mizzi, is-suġġeriment sar u s-Sedja issa qed tgħidlek biex tkompli taqra. Kompli aqra r-risposta.

**ONOR. JOE MIZZI:** Imma jien mhux il-Ministru għall-Affarijiet Barranin jiġifieri ma nistax naqbad u niddeċiedi jien.

**MR SPEAKER:** Aqra r-risposta, jekk jogħġbok.

**ONOR. JOE MIZZI:** Jien irrid naċċetta li hawn il-mistoqsijiet parlamentari. Jekk int ma tridx tisma' forsi n-nies irid jisimgħu. Intom tgħidu li l-ħin tal-mistoqsijiet huwa l-aktar ħin importanti u n-nies iridu jisimgħu u jien qed nagħti l-infomazzjoni kif miktuba. Jien mhux qed naħbi l-infomazzjoni imma qed nagħti l-informazzjoni!

**MR SPEAKER:** Onor. Mizzi, tagħmilx aktar punti fuqha. Aqra r-risposta.

**ONOR. JOE MIZZI:** Mela jekk tagħti l-informazzjoni jattakkawk u jekk ma tagħtix jattakkawk! Taħseb li jien nieħu pjaċir naqra? Imma l-obbligu tiegħi nagħmlu. Hekk se nagħmel jien. (Interruzzjonijiet)

Tista' tgħidli biex naqraha wkoll jekk trid hekk, imma l-prassi ... (Interruzzjonijiet)

**MR SPEAKER:** Onor. Mizzi, jien għedtlek biex tieqaf. Kompli aqra r-risposta, jekk jogħġbok. Qed naħlu aktar ħin.

**ONOR. JOE MIZZI:** Le, għax hawnhekk kelli l-*paper laid*. Il-prassi mhux hekk tkun tal-*paper laid* imma tkun differenti. Jiġifieri qed jeħodhom f'wiċċu l-affarijiet.

**MR SPEAKER:** Jekk jogħġbok, kompli.

**ONOR. JOE MIZZI:** F'isem l-Onor. George Vella: Iż-Żjarat Statali li saru f'Malta bejn Marzu 2013 u Marzu 2016 huma eċċ. eċċ.

**MR SPEAKER:** Ngħaddu għall-mistoqsija parlamentari 18896 u nsejjaħ lill-Onor. Anthony Agius Decelis.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni *on a point of order*.

**ONOR. SIMON BUSUTTIL (Kap tal-Oppożizzjoni):** Sur President, għal din il-mistoqsija parlamentari reġa' hemm risposta twila li jekk jaqbel il-Ministru faċilment tista' tittieħed *as read*. Għax illum għandna sitwazzjoni fejn mhux biss għandek Deputat tal-Gvern li għandu, kif kellu dan l-aħħar, l-ewwel mistoqsijiet - dik juża s-sistema favur tiegħu, m'hemmx x'tagħmel - imma għandek risposti twal ħafna li m'hemmx għalfejn jinqraw u għandek il-Ministru relevanti li lanqas biss qiegħed hawn u allura l-mistoqsijiet supplimentari fuq l-affarijiet barranin ma tistax tagħmilhom. Il-Ministru għat-Trasport lanqas fuq it-trasport ma jwieġeb, aħseb u ara kemm iwieġeb fuq l-affarijiet barranin!

Issa aħna nitolbu … (Interruzzjonijiet) Ippermettili nispiċċa.

**MR SPEAKER:** Il-Ministru Joe Mizzi *on a point of order*.

**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Ħa nispiċċah!

**MR SPEAKER:** Iva, se tispiċċa, però inti għamilt kumment fuq il-Ministru Mizzi. Il-*point of order* qiegħed fuq il-Ministru Mizzi.

**ONOR. JOE MIZZI:** Jiġifieri issa lanqas *point of order* ma tridni nagħmel għax tippretendi li tispiċċa inti?! Issa *too much*!

**MR SPEAKER:** X'inhu l-*point of order,* Onor. Mizzi?

**ONOR. JOE MIZZI:** Il-*point of order* hu li hu qal li jien ma nirrispondix mistoqsijiet. Mr Speaker, ara l-mistoqsijiet li rrispondejt – jien dejjem irrispondejthom il-mistoqsijiet – u tara li mhu veru xejn. Din hija gidba! Dejjem irrispondejthom il-mistoqsijiet jien!

**MR SPEAKER:** Kollox sew. Iċċara daqsxejn il-kumment li għaddejt fuq il-Ministru Mizzi jekk jogħġbok, Onor. Simon Busuttil.

**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Ħalli nkompli l-*point of order* għax naħseb li l-punt li għamilt kulħadd fehmu ħlief il-Ministru għat-Trasport. Il-punt tiegħi hu li l-ħin tal-mistoqsijiet huwa ħin fejn id-Deputati kollha, speċjalment tal-Oppożizzjoni, ipoġġu taħt skrutinju l-operat tal-Gvern. Jekk il-Gvern irid jgħidilna: "Isma', il-ħin li intom fih suppost tistaqsuni l-mistoqsijiet ma rridx nibqa' nagħmlu", jaqbad u jgħidilna imma din mhix sistema vijabbli li jiġi hawnhekk il-Ministru, li lanqas hu l-Ministru li qed nistaqsu lilu, u jagħmel nofsiegħa jaqra. Issa l-Gvern irid jiddeċiedi jekk iridx li dan il-Parlament, il-ħin allokat li għandu għall-mistoqsijiet jintuża kif suppost.

**MR SPEAKER:** Jekk ikun hemm l-arranġament li jiġi eżentat mill-qari dik hija deċiżjoni, però skont l-i*Standing Orders*, kif taf inti -, nifhem li għandek il-*Whip* ħdejk u qallek - ir-risposta, sakemm ma jkunx hemm l-eżenzjoni, trid tinqara.

L-Onor. Godfrey Farrugia.

**ONOR. GODFREY FARRUGIA:** Jien nixtieq nagħmel kjarifika. Il-Ministru George Vella bħalissa qiegħed Londra, qiegħed il-*Commonwealth Action Group* u għaldaqstant qiegħed fuq xogħol tal-Gvern. Għalhekk ma setax ikun hawnhekk. Fil-fatt ħadt ħsieb jien stess biex il-mistoqsijiet parlamentari jgħaddu lill-Ministru konċernat.

**MR SPEAKER:** Il-Ministru Joe Mizzi, *point of order*.

**ONOR. JOE MIZZI:** Il-*point of order* tiegħi huwa li l-ħin tal-mistoqsijiet qiegħed hawnhekk u l-mistoqsijiet li jkun hemm nirrisponduhom kif qegħdin hawn. Allura mhux qed naħlu l-ħin. Jiddispjaċini. Aħna qed nagħtu ħin lil kulħadd, qed nirrispondu u l-informazzjoni qed toħroġ. Issa jekk ikun hemm xi ħaġa li wieħed ikun irid jiskrutinja hemm l-infomazzjoni biex ikun jista' jiskrutinja. Aħna qed nirrisponduhom il-mistoqsijiet mhux ma nirrisponduhomx. Il-fatt hu li aħna hawnhekk fil-ħin tal-Mistoqsijiet qed nagħtu risposta. Issa huwa veru li hemm informazzjoni twila imma intom stess għedtu li meta jkunu qed isiru l-mistoqsijiet in-nies ikunu qed jisimgħu u jekk wieħed isib xi żball ikun jista' jikkummenta.

Jien qiegħed nimxi skont l-i*Standing Orders* u qiegħed naqra l-informazzjoni li għandi fir-risposta tal-mistoqsija. Mhu qed nagħmel xejn barra mill-i*Standing Orders*, mhu. qed nagħmel xejn biex naħli l-ħin tal-Mistoqsijiet, anzi pjuttost normalment kontra jsiru.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Onor. Anthony Agius Decelis, peress li int għamilt id-domanda tiegħek, din se teħodha *taken as read*, kif qed jissuġġerixxi l-Kap tal-Oppożizzjoni?

**ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS:** Sur President, jien irrid nagħmel il-punt ukoll jekk aħna bħala Membri Parlamentari għandniex l-istess drittijiet u jekk hemmx *standing orders*

għalina l-Membri Parlamentari li qegħdin fuq in-naħa tal-Gvern u jekk hemmx *standing orders* differenti għall-Membri Parlamentari li qegħdin fuq in-naħa tal-Oppożizzjoni għax qisu l-Kap tal-Oppożizzjoni jrid jallega li aħna qed nagħmlu dawn il-mistoqsijiet parlamentari b'xi skop differenti milli jagħmlu l-mistoqsijiet huma. Aħna għandna l-istess drittijiet bħala Membri Parlamentari jew le, jekk jogħġbok?!

**MR SPEAKER:** M'hemmx dubju fuqha dik. Il-Kap tal-Oppożizzjoni.

**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Sur President, m'hemmx dubju li l-kollega għandu l-istess drittijiet daqs kulħadd. Allaħares m'għandux! L-Oppożizzjoni qiegħda sempliċement titlob li jirbaħ is-sens komun. Il-Ministru George Vella, Ministru għall-Affarijiet Barranin, illum lanqas biss qiegħed hawn u s-sens komun jgħidlek li għall-inqas… (Interruzzjonijiet) Ippermettili, Ministru Cardona. Mhux lilek qed inkellem.

Is-sens komun għall-inqas jgħidlek li nistgħu nissorvolaw il-mistoqsijiet tal-Ministru George Vella li fihom erba' faċċati dettalji li jistgħu faċilment jittieħdu *as read* u mmexxu fuq il-mistoqsijiet. Dan dejjem jekk il-Gvern jaqbel, f'isem is-sens komun, ħalli l-ħin tal-Mistoqsijiet jintuża kif imiss.

**MR SPEAKER:** Kollox sew. Għamiltu l-punt tiegħek. Mela ħalli niddeċiedi. Jekk hawn qbil mill-Kamra allura jsir dak li qed tipproponi. Jekk m'hawnx qbil, tibqa' għaddejja bir-risposta.

Il-Ministru Joe Mizzi.

**ONOR. JOE MIZZI:** Mr Speaker, jien ġejt mitlub biex il-mistoqsijiet li għandu l-Ministru George Vella kollha jiġu *taken as read* imma ma nistax naċċetta. Dwar parti minnhom nista' naċċetta imma dwar partijiet oħrajn ma nistax naċċetta għax m'hemmx l-informazzjoni li tista' tirrepeti rigward dak li għandu x'jaqsam ma' statistika. Għandi l-mistoqsijiet jien... Pereżempju mistoqsija parlamentari 18899 mhijiex ... (Interruzzjonijiet) Dwar l-oħrajn kollox sew imma dwar dawk le.

**MR SPEAKER:** Diġà ilna għaxar minuti għaddejjin fuq dan il-punt. Il-Prim Ministru.

**ONOR. JOSEPH MUSCAT (Prim Ministru):** Jien qed nifhem is-sens li qed jitkellem bih il-Kap tal-Oppożizzjoni u qed nifhem ukoll is-sens li permezz tiegħu qiegħed iwieġeb hawnhekk il-Ministru. Nerġa' nikkonferma li l-Ministru Vella qiegħed imsiefer fuq xogħol tal-Gvern u *knowing* il-Ministru Vella, dan ikun daħal fid-dettall apposta; biex ikun ċar u ċert li mhu qed iħalli xejn.

Jien m'għandix problema li ngħidu *taken as read* għall-ewwel tliet mistoqsijiet għax hemm ċerti dettalji. (Interruzzjonijiet) Ippermettuli. Jien li jinteressani hija l-proċedura. Il-proċedura f'liema sens? Ma rridx li b'dak li nistgħu nagħmlu llum, neħduha moda li għada ngħidu: L-ewwel erba' mistoqsijiet se neħduhom *taken as read* ħalli nibdew bil-ħames mistoqsija. Ma rridx kwestjoni li tkun xi preċedent. Qed nifhem, mingħajr ma nissettjaw preċedent, li peress li qegħdin naraw li dawn huma mistoqsijiet fit-tul ħafna, nistgħu naslu biex ngħidu li nibdew mill-mistoqsija parlamentari 18899, bil-permess tal-Kamra. Imma aħna mhux qegħdin ngħidu li din hija xi ħaġa

fejn għada pitgħada jqum xi membru ta' din il-Kamra u jgħid: Isma', jien nixtieq li naraw il-ħames u s-sitt mistoqsija u allura ejja ħalli ngħaġġlu *through* is-sistema. Jiġifieri din qed naraha bħala sens komun jekk bil-permess tal-Kamra qegħdin naqblu.

**MR SPEAKER:** Fuq dak li qed jipproponi l-Prim Ministru ovvjament il-proċedura hija stabbilita fl-artikli 31 u 32 tal-i*Standing Orders*. Dawk mhu se jbiddilhom ħadd, però bil-kunsens tal-Kamra għal din l-okkażjoni qegħdin nimxu hekk.

Mela mistoqsija parlamentari 18896 hija *taken as read* u issa ssir il-mistoqsija li jmiss.